

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 327/2013**tat-8 ta' April 2013****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.
- (4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-

Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tiġi invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽²⁾.

- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

Tagħrif tariffarju vinkolanti maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri li mhuwiex skont dan ir-Regolament jista' jibqa' jkun invokat għal perjodu ta' tliet xhur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodott	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Prodott ippreżentat f'forma ta' rombli (18 mm × 200 mm), maħruġ għall-bejgħ bl-imnut f'kaxxa li fiha 10 rombli. Kull romblu jiżen 28 g u jikkonsisti fil-komponenti li ġejjin (% bil-piż):</p> <p>— weraq tal-artemisja (<i>Artemisia vulgaris</i>) mnixxa 95</p> <p>— ħxejjex aromatiċi oħrajn imnixxa (bħas-salva) 5</p> <p>Il-prodott jintuża bħala kura għall-pazjenti: ir-rombli jinxtegħlu u jinżammu qrib il-ġilda tal-pazjent fuq punti speċifiċi tal-agupuntura u jinħarqu biex tinħoloq sħana li tippenetra fil-fond.</p>	1404 90 00	<p>Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 sa 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota Addizzjonali 1 tal-Kapitolu 30 u l-kliem tal-kodiċijiet NM 1404 u 1404 90 00.</p> <p>Il-prodott jikkonsisti f'tipi differenti ta' pjanti. Konsegwentement, il-klassifikazzjoni bħala tipi ta' pjanti u partijiet ta' pjanti taħt l-intestatura 1211 hija eskluża (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 1211).</p> <p>Il-prodott mhux maħsub għall-konsum mill-bniedem. Konsegwentement, il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 2106 hija eskluża.</p> <p>Il-prodott ma jissodisfax ir-rekwiżiti tan-Nota Addizzjonali 1 tal-Kapitolu 30. Konsegwentement, ma jistax jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 3004 bħala prodott erbali jew preparazzjoni mediċinali omeopatika.</p> <p>Il-prodott ma jintużax bħala fwieħa, kożmetiċi jew preparazzjonijiet tat-twaletta. Konsegwentement, il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 3307 hija eskluża.</p> <p>Għalhekk il-prodott għandu jiġi kklassifikat bħala prodott tal-ħaxix li mhumiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor taħt il-kodiċi NM 1404 90 00.</p>